MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2013

Talba Numru. 85/2009

**STRAND PALACE AGENCIES LIMITED**

**Vs**

**Paul BORG**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-2 ta' Frar, 2009** u li permezz taghha talbet lill-intimat ihallasha s-somma ta' elf tlett mija u hdax-il euro u sebgha u hamsin ċenteżmi ta' euro [€1,311.57] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Ammont bilanċjali dovut ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta attriċi lill-konvenut.

Bl-ispejjez tal-presenti, tal-ittra legali tad-9 ta' Lulju 2008 u bl-imghax legali mill-11 ta' Dicembru 2003, data ta' l-ahhar konsenja sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ngunt in subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fit-28 ta' April, 2009 u li permezz taghha huma rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"1. L-intimat kien inkariga lil ibnu John Borg jiehu hsieb il-hanut fis-Suq tal-belt, u ghal snin twal dan kien jordna diversi prodotti minn ghand aġenti diversi. Il-prattika normali kienet li kull invoice tithallas ghaliha fi żmien qasir wara li jsiru l-verifiki dwar il-merca li tkun ingiebet. L-intimat prova jindaga minn fejn ġejja l-pretensjoni ta' l-atturi iżda qatt ma intwera d-*delivery notes* (iffirmati) b'referenza ghall-*invoices* li allegatament ma thallsux; l-intimat jifhem li jista jkun li xi invoices ma thallsux bi żvista, imma fi kwalunkwe kaz it-talba attriċi hija esagerata.

2. Jekk l-atturi qed jirreferu ghal xoghol, deliveries u invoices antiki li l-esponent ma jkunx jista jirribatti minhabba t-trepass taz-zmien u ma jkunx żamm ir-records, allura tkun applikabbli l-preskrizzjoni tal-hames snin ai termini ta' subartikolu 2156(f) tal-Kodici Civili".

Ra s-sentenza moghtija minn dan it-Tribunal, kif diversament kompost, datata 10 ta' Gunju, 2010 fejn ġiet michuda t-tieni eċċezzjoni tal-intimat, bl-ispejjez a karigu ta' l-istess intimat.

Ra l-verbali datati 18 ta' Settembru, 2012, 31 ta' Ottubru, 2012, 7 ta' Jannar, 2013 u 18 ta' Frar, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, is-socjeta rikorrenti qeghda titlob minghand l-intimat il-hlas tas-somma ta' elf tlett mija u hdax-il euro u sebgha u hamsin ċenteżmi ta' euro [€1,311.57] u dan bhala hlas ghal merkanzija mibjugha u

kkonsenjata lill-istess intimat. L-intimat da parti tieghu jghid li huwa kien inkariga lil ibnu biex jiehu hsieb il-hanut tieghu fis-Suq tal-Belt, u ghal snin twal ibnu kien jordna diversi prodotti minn ghand aġenti diversi. Il-prattika normali kienet li kull *invoice* tithallas ghaliha fi żmien qasir wara li jsiru l-verifiki dwar il-merca li tkun ingiebet. L-intimat jghid ukoll li huwa pprova jindaga minn fejn ġejja l-pretensjoni tar-rikorrenti iżda qatt ma intwera d-*delivery notes* (iffirmati) b'referenza ghall-*invoices* li allegatament ma thallsux. Finalment l-intimat jghid li jista jkun li xi *invoices* ma thallsux bi żvista, imma fi kwalunkwe kaz it-talba attriċi hija esagerata

Ikkunsidra;

2. **John Borg**, iben l-intimat xehed fit-8 ta' Ottubru, 2009. Huwa qal li hu, missieru u huh kienu jiehdu hsieb hanut ġewwa s-Suq tal-Belt. Meta gie muri d-dok. DB 1 (fol. 16) huwa qal li dan huwa *statement* li jirrappreżenta s-snin 2002 u 2003. Ghar-rigward tal-linja hamra li tinsab fuq dan id-dokument, ix-xhud qal li "*jidher car illi jiena kellhi niehu minghand is-socjeta attriċi u mhux naghtiha. Biex inkun preċiż kellhi niehu l-ammont ta' sitta u tletin euro u sitta u disghin centezmu*". Ix-xhud qal li huwa ma jaqbilx ma dan l-ammont u jghid li "*... peress illi kien hemm hafna tahwid fil-karti missieri kellhu jiehu iżjed flus minghand is-socjeta attrici*" (fol. 13). Minn taht dik il-linja l-hamra l-quddiem, ix-xhud ighid li "*l-invoices ta' taht il-linja l-hamra juru mbaghad li ahna konna ġejna in debit u cioe li missieri kellhu jaghti lis-socjeta attrici*" (fol. 13).

Ix-xhud ikompli jghid li "*kien hemm ġieli hlasijiet li ma kienux jidhru fuq dawn l-istatement, u cioe il-hlasijiet li kien jaghmel missieri lis-socjeta attriċi. Kien hemm ukoll credit notes li ma nghatawx lil missieri avolja dawn kellhom jinghataw*" (fol. 13).

Qal ukoll li f'dan il-perjodu kien hemm diversi problemi ta' *accounting* bejniethom u fuq dan kien jilmenta mas-*salesman* li kienu jiehdu l-merkanzija ghandhom. Ighid li wara l-11 ta' Dicembru, 2003 huwa baqa jixtri l-merkanzija

minghand is-socjeta rikorrenti fuq *cash basis* u dan "*... sabiex ma jkunx hemm iżjed problemi*" (fol. 13).

L-oggezzjonijiet tieghu, jghid ix-xhud, huma ghal dawk l-*invoices* li jidhru fuq l-i*statement* li hemm esebit a fol. 16 et seq tal-process (dok. MB 1).

In kontro-ezami, x-xhud ighid li "*... l-kontestazzjoni tieghi huwa li mhuwiex naqbel ma l-ammont li qed jiġi mitlub minni u din dejjem ghidtha.* " (fol. 14). Zied ighid li "*jien ma nistax nghid jekk ghandix naghtu lis-socjeta attriċi ghaliex peress illi l-karti u l-istatements kien fihom hafna tahwid, ma nistax inkun ċert jekk kellnix naghtuhom jew le*" (fol. 14).

3. L-imsemmi xhud John Borg reggha xehed fis-seduta tas-7 ta' Marzu, 2012. B'zieda ma dak li diga kien xehed, ix-xhud qal li huwa kien ikun fil-hanut taghhom ma missieru minn mindu kien tifel. Fl-ahhar ghaxar snin qabel ma rtira missieru, ix-xhud ighid huwa beda jiehu ftit ftit il-gestjoni f'idu. Qal ukoll li huma kienu jixtru l-merkanzija minghand is-socjeta rikorrenti u gieli sabu uzin hazin. Dan fis-sens li meta l-prodott ikun ighid kilo huma jiznu l-prodott u jsibu tmien mitt gramma. B'hekk ighid dan ix-xhud, meta huwa kienu jikkecjaw "l-invoice u konna nsibu li dak li kien hemm miktub fuq l-invoice ma kienx jirrifletti dak li konna nsibu ahna" (fol. 62). Din il-problema, skond dan ix-xhud, kienet minn dejjem.

Is-socjeta rikorrenti, jghid ix-xhud, kienet tnaqqsilhom mill-invoice li kienet taghtihom ghaliex hija stess kienet tkun taf jew tirrikonoxxi dan il-fatt. B'referenza ghad-dokument immarkat bhala dok. DF1 (fol 34) dan ix-xhud ighid li fl-ewwel faccata hemm *credit note*. Dan kien sar peress li kien hemm perjodu fejn l-intimat kien ikollu jiehu flus minghand is-socjeta' rikorrenti minhabba dawn l-izbalji li ghadu kif semma. Huwa jkompli jghid li minkejja dawn l-izbalji baqghu isiru, l-*credit notes* ma baqghux johorgu. Qal ukoll li wara t-22 ta' Awwissu, 2002 is-socjeta rikorrenti ma baqghetx tohorgilhom *credit notes* minkejja li kien qed ikun hemm diskrepanzi bejn l-uzin u dak li

kienu qeghdin jirriskontraw huma hlief xi okkazzjonijiet rari.

Ix-xhud ighid li huwa kien ilmenta mas-socjeta' rikorrenti kemm il-darba fuq din il-kwistjoni pero' hi qatt ma riedet taghmel dak li kien jitlobhom hu u cioe' li taghtih *invoice* flimkien mal-*credit note*. Ix-xhud ighid li huwa kien qieghed jitlob dan peress li l-i*statement* ma kienx juri sewwa sew x'kien ikun hemm. Meta huwa baqa jinsisti mas-socjeta rikorrenti, x-xhud ighid li r-risposta li ha kienet li hi ma kienitx lesta toqghod taqla l-arkivji ghalih.

Ix-xhud qal ukoll li meta ra li l-problema kienet qeghda tikber, huwa beda jhallas cash. Zied ighid li l-*invoices* li huwa kien ta lis-socjeta rikorrenti ma regghax gew ritornati lura lilu. Huwa qal li minkejja li l-*invoices* kienu jidhru fuq isem missieru, kien hu li kien jiehu hsieb il-gestjoni tal-hanut u kien jiehu hsieb l-affarijiet kollha tal-hanut. B'referenza ghal-ammont mitlub f'dawn il-proceduri ta' €1,311.57c huwa jghid li fil-fehma tieghu dan l-ammont ma huwiex dovut. Huwa esebixxa diversi *cash sales* li huwa kien jircievi minghand is-socjeta rikorrenti meta huwa kien ihallas *cash*, liema dokumenti gew immarkati komplessivament bhala dok. JB 1. Qal ukoll li l-i*statement* li hemm a fol. 34 tal-process jindika biss dawk l-ammonti li ghadhom pendenti filwaqt li dawk li thallsu fis-sena 2004 ma gewx jidhru fuqu.

Ix-xhud esebixxa ukoll dokument iehor mmarkat bhala dok. JB 22 li jgib id-data 13 ta' Marzu, 2003 u li ma jirrizultax fuq l-istatement dok. DF 1 (a fol 34) tal-process avolja huwa ndikat bhala invoice. Ix-xhud isemmi kaz iehor "*fejn jiena kont ordnajt kaxxa wahda li ridtha sitta plain u sitta dark dan covering chocolate*" (fol. 63). F'dan il-kaz, il-kumpanija rikorrenti, jkompli jghid ix-xhud, baghtitlu tnax il-kaxxa, sitta *plain* u sitta *dark*. Ix-xhud ighid li huwa zamm il-kaxxa li ried u l-kumplament baghthom lura. Meta huma baghtu l-*invoice* s-socjeta rikorrenti naqset il-kaxxa li huwa zamm u zammitlu ta' hdax il-kaxxa li baghtilhom lura. In sostenn ta' dan, ix-xhud esebixxa *invoice* rilaxxata mis-socjeta rikorrenti li giet immarkata bhala dok. JB23 li juri dan li ghadu kif qal. Ighid li "*Il-kelma*

*units li hemm fuq dak id-dokument jirreferi ghall-item wahdu*” (fol. 63).

Ix-xhud esebixxa dokument immarkat bhala dok. JB25 u qal li skond din il-*cash sale* huwa kellu jhallas is-somma ta’ Lm27.99c. Qal li s-socjeta rikorrenti kienet ghamlet zball fis-sens illi gabet tnax (12) il-bicca Galbanino salami filwaqt li huwa ried tlieta (3) biss u b’hekk gew ritornati disgha (9) lura. B’hekk l-ammont tnaqqas bi Lm8.55c biex b’hekk gie li huwa kellu jaghtihom Lm12.44c. Ix-xhud ighid li huwa hallas dan l-ammont pero’ minkejja li huwa hallas dan l-ammont xorta wahda baqa jidher li kellhu jaghtihom.

Gie esebit ukoll dokument iehor, immarkat bhala dok. JB26 u x-xhud ighid li l-firma hemm riportata ma hijiex dik ta’ missieru.

B’referenza ghal dok DF2 li hemm a fol 35 tal-process, ix-xhud qal li dan il-prodott jinghata lilu ghas-salami Napoli. Dan il-prodott, ighid ix-xhud, kien jinghata lilu b’xejn pero’ zammewlu l-VAT fuqu. Ix-xhud ighid li huwa ma kellhux ihallas l-ebda VAT u dan peress li dan il-prodott kien inghata lilu b’xejn.

Ix-xhud ighid li ghandu kwistjoni mas-socjeta rikorrenti ghar-rigward ta’ ghaxart ibramel zebbug. Ighid li dawn suppost ittiehdu lura mis-socjeta’ rikorrenti pero’ baqghu qatt ma ttiehdu lura u dan peress illi l-prodott ma kienx tajjeb. Kull barmil zebbug, ighid ix-xhud, jiswa bejn wiehed u iehor Lm10.

Finalment, ix-xhud ighid li huwa kien ikellem lis-*salesman* b’dawn il-problemi, u s-*salesman* kien qallu li l-affarijiet ma kienux qeghdin jigu ritornati lura mid-*delivery man*.

4. **L-Avukat Dr. Leslie Cuschieri** xehed fis-seduta ta’ l-14 ta’ April, 2010 u qal li d-difensur tas-socjeta rikorrenti l-Avukat Dr. Anthony Cutajar kien ghaddielu d-dok. DB 1 (fol. 16-17) kif ukoll xi *delivery notes*. Dan l-istess *delivery notes* gew diskussi, jghid l-Avukat Cuschieri, mal-klijenti tieghu. Ikompli jghid “*... illi kien jirrizulta minn dawn id-delivery notes illi xi uhud minnhom kienu gew korretti u*

*kien hemm ukoll xi credit notes. Dawn kollha però ma jidhrux mill-istatement li jinsab a fol. 16 u 17 u ghalhekk ergajna wasalna fil-konkluzzjoni li ma stajniex naraw eżattament jekk il-konvenut kellu jaghti x'kellu jaghti*" (fol. 22).

5. **L-intimat Paul Borg** xehed ukoll fis-seduta ta' l-14 ta' April, 2010. Huwa beda biex ighid li "*il-posizzjoni tieghi kienet u ghada sa llum illi ahna xtaqna nirranġaw mas-socjeta attriċi izda qatt ma stajna nivverifikaw eżattament x'ghadna naghtu.*" (fol. 23). Qal li peress li ma ghandux karti f'idejh huwa ma jistax jghid jekk ghandux jaghti lis-socjeta rikorrenti jew le. Qal li fir-relazzjoni kummerċjali bejnu u bejn is-socjeta rikorrenti kien hemm xi drabi fejn kellu jispiċċa jiehu hu minhabba li s-socjeta rikorrenti ma kienitx qed tniżżel il-*credit notes* fl-*istatements*. Qal li l-problemi mas-socjeta rikorrenti baqghu ghaddejjin mis-sena 2002 sakemm huwa waqaf jixtri *on credit* u beda jhallas *cash on delivery*.

Qal ukoll li ibnu kien mar ghand is-socjeta rikorrenti u kien talabhom id-*delivery notes* halli jkun jista jisalda kull kont pendenti iżda r-rapprezentanti tas-socjeta rikorrenti kienu qalulu li ma xtaqux jaqilghu kollox. Wara li kien irċieva l-avviz tat-talba, l-intimat ighid li "*... jiena ghamilt offerta ta' hlas lis-socjeta attriċi iżda ma nafx kemm kienet din l-offerta u dana bl-iskop illi ma nkomplux nitilghu l-Qorti. Din l-offerta però ma ġietx aċċettata mis-socjeta attrici*" (fol. 24). Huwa qal li s-somma li kien offra kien offrieha biex jaqta u mhux ghax hass li din kienet somma li huwa kellu jaghti.

6. Fis-seduta tas-26 ta' Jannar, 2011 xehed **Daniel Farrugia**, *Financial Controller* mas-socjeta rikorrenti. Huwa esebixxa sensiela ta' *invoices* li ghadhom pendenti sal-lum, liema *invoices* gew immarkati bhala DF 1 sa DF 19. Skond id-dok. DF1, li huwa *statement*, datat 31 ta'

Dicembru, 2010 jirrizulta li sat-22 ta' Awwissu, 2002 l-intimat kellu jiehu minghand is-socjeta rikorrenti s-somma ta' €36.96c. Wara din id-data, baqghu ssiru transazzjonijiet bejn is-socjeta rikorrenti u l-intimat. Ix-xhud ighid li kien sar pagament akkont mill-intimat fis-27 ta' Ottubru, 2003 ta' Lm19.44 (pari ghal €45.28c). L-i*statement* esebit juri l-*credit notes* moghtija lill-intimat u xi pagamenti li saru mill-intimat. Izid ighid li l-intimat "*... meta kien ihallas qatt ma kien ihallas skond l-invoices. Fil-fatt wiehed jista jara minn dan l-istatement illi l-pagamenti tal-konvenut ma jaqblux ma' l-ammonti li jidhru fl-invoices*" (fol. 32). Finalment ighid li l-ammont li ghadu jidher pendenti fuq dan l-istess *statement* huwa l-istess ammont li s-socjeta rikorrenti qeghda titlob permezz ta' dawn il-proceduri.

In kontro-ezami, huwa qal li beda jahdem bhala *financial controller* mas-socjeta rikorrenti f'Marzu, 2010. Qal ukoll li l-*financial controller* precedenti hallielu l-*files* li kellhu kif inhuma llum stess. Ighid ukoll li meta persuna thallas u tkun hallset iz-zejjed u allura mhux skond l-invoice, allura jinhargu l-*credit notes* appositi. Dana jigri anke jekk jigi ritornat xi xoghol li l-intimat ma jkunx riedu jew ma jkunx ordnah.

7. Ra d-dokumentazzjoni esebita, inkluz in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-intimat.

Ikkunsidra ulterjorment;

8. L-uniku eccezzjoni li fadal x'tigi deciza, wara li dan it-Tribunal kif diversament kompost cahad it-tieni eccezzjoni tieghu, dwar il-preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta permezz tas-sentenza tieghu datata 10 ta' Gunju, 2010, hija dik li tghid li "*l-intimat jifhem li jista jkun li xi invoices ma thallsux bi zvista, imma fi kwalunkwe kaz it-talba attrici hija esagerata".*

9. Kif diga rajna, skond l-*istatement* li hemm esebit bhala dok. DB 1 (fol. 16-17), l-intimat kellu jaghti lis-socjeta rikorrenti sal-11 ta' Dicembru, 2003 is-somma ta'

elf tlett mija u hdax-il euro u sebgha u hamsin centezmi ta' euro (€1,311.57c). Irrizulta ukoll li sat-22 ta' Awwissu, 2002 s-socjeta rikorrenti kellha taghti lill-intimat is-somma ta' €36.96c. Skond l-*invoices* esebiti jirrizulta s-segwenti:

| Dokument | Invoice Nru | Credit Note | Cash Sale | Data | Ammont | Konte |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | |
| DF 2 (fol. 35) | 106895 | | | 12/12/2002 | Lm68.84 (€160.35) | Kien salan ingha Fil-fa hemn hdejn prodo |
| DF 3 (fol. 36) | 109133 | | | 20/02/2003 | Lm202 (€470.53) | Fejn kaxxi cake u 6 k cake hemn 6 ur units. ta' k hija Lm4. (€10. |
| DF 4 (fol. 37) | | 109133A | | 21/02/2003 | -Lm4.44 (€10.34) | |
| DF 5 (fol. 38) | 115780 | | | 18/08/2003 | Lm13.05 (€30.40) | |
| DF 6 (fol. 39) | 198480 | | | 13/08/2003 | Lm22.35 (€52.06) | Dawn prodo gew skond jirrizu cash returr 1984 |
| DF 7 | | 198480A | | 18/08/2003 | -Lm22.35 | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| (fol. 40) | | | | | (€52.06) | |
| DF 8 (fol. 41) | 200203 | | | 18/09/2003 | Lm24.16 (€56.28) | |
| DF 9 (fol. 42) | 200750 | | | 02/10/2003 | Lm52.20 (€121.59) | |
| DF 10 (fol. 43) | 201008 | | | 09/10/2003 | Lm37.15 (€86.54) | |
| DF 11 (fol. 44) | | 11734 | | 16/10/2003 | -Lm1.11 (€2.59) | |
| DF 12 (fol. 45) | | | 201559 | 23/10/2003 | Lm27.99 (€65.20) | Gew b'Lm (€19. affari b'hek gie **Lm19 (€45. l-amm €45.2 thalla ta' 2002** |
| DF 13 (fol. 46) | 201837 | | | 30/10/2003 | Lm10.71 (€24.95) | |
| DF 14 (fol. 47) | | 11773 | | 30/10/2003 | -Lm3.40 (€7.92) | |
| DF 15 (fol. 48) | 202122 | | | 06/11/2003 | Lm32.88 (€76.59) | |
| DF 16 (fol. 49) | 202437 | | | 13/11/2003 | Lm18.94 (€44.12) | |
| DF 17 (fol. 50) | 202961 | | | 27/11/2003 | Lm11.22 (€26.14) | |
| DF 18 (fol. 51) | 203220 | | | 04/12/2003 | Lm66.80 (€155.60) | |
| DF 19 (fol. 52) | 203434 | | | 11/12/2003 | Lm41.37 (€96.37) | |
| | | | | | | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | **TOTAL** | **Lm570.37 (€1,328.61)** | |

10. Skond ma jirrizulta mid-dok. DB1 l-intimat ghandu jaghti lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf tlett mija u hdax-il euro u sebgha u hamsin ċenteżmi ta' euro (€1,311.57c). Illi skond l-istess *statement* l-intimat kellhu kreditu ta' €36.96 sat-22 ta' Awwissu, 2002. B'hekk mill-ammont ta' €1328.61, liema ammont it-Tribunal wasal ghalih wara li ezamina d-dokumentazzjoni esebita, irid jitnaqqas dan l-ahhar ammont ta' €36.96, biex b'hekk jigi l-ammont ta' €1,291.65c.

11. Illi John Borg, li jigi iben l-intimat esebixxa wiehed u ghoxrin (21) *cash sale receipt* u dan ghal perjodu 4 ta' Marzu, 2004 sas-26 ta' Awwissu, 2004. Bid-dovut rispett, it-Tribunal ma jistax jifhem ir-raguni l-ghala dawn gew esebiti stante li l-ammont li tieghu s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas jkopri l-perjodu 12 ta' Dicembru, 2002 sal-11 ta' Dicembru, 2003[1].

12. L-istess xhud esebixxa ukoll:

i. *invoice* bin-numru 109843[2] datata 13 ta' Marzu, 2003, liema *invoice* ma tirrizultax mill-i*statement* immarkat bhala dok. DB 1 (fol. 16-17). Mill-imsemmija *invoice*, u cioe dik bin-numru 109843 jirrizulta ukoll li din l-istess *invoice* kienet "PAID".

ii. *Cash sale* bin-numru 201559[3] datata 23 ta' Ottubru, 2003 bin-numru 201559. Din tinsab fl-i*statement* immarkat bhala dok. DB 1.

iii. *Invoice* bin-numru 203220[4] datata 4 ta' Dicembru, 2003. Din tinsab fl-i*statement* immarkat bhala dok. DB 1.

---

[1] ara statement dok. DB 1 a fol. 16 -17

[2] dok. JB23 a fol. 87.

[3] dok. JB25 a fol. 88.

[4] dok. JB26 a fol. 89.

13. L-intimat isostni li huwa kien inkariga lil ibnu John Borg sabiex jiehu hsieb il-hanut tieghu fis-Suq gewwa l-Belt Valletta. Ghal snin twal, ibnu kien jordna diversi prodotti minn ghand aġenti diversi. Il-prattika normali kienet li kull *invoice* tithallas ghaliha fi żmien qasir wara li jsiru l-verifiki dwar il-merca li tkun ingiebet. L-intimat ipprova jindaga minn fejn ġejja l-pretensjoni tas-socjeta rikorrenti iżda qatt ma intwera d-*delivery notes* (iffirmati) u dan b'referenza ghall-*invoices* li allegatament ma thallsux. L-intimat ighid ukoll li jista jkun li xi invoices ma thallsux bi żvista, imma fi kwalunkwe kaz it-talba attriċi hija esagerata. It-Tribunal ma jistax jifhem kif l-intimat ighid li huwa ma ntweriex jew ma inghatax d-*delivery notes* iffirmati u dan b'referenza ghall-*invoices* li allegatament ma thallsux meta mbaghad huwa stess esebixxa dokumentazzjoni li jirrisalu ghad-dati ta' meta s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas. Apparti minnhekk, it-Tribunal huwa konvint li d-dokumentazzjoni mitluba mill-intimat minghand is-socjeta rikorrenti kienet tinsab ghand l-intimat. Kif kellhu d-dokumentazzjoni ghas-sena 2004 u xi dokumentazzjoni ghas-sena 2003, hija ferm probabbli li kellhu d-dokumentazzjoni minnu mitluba u li kien qieghed jghid li huwa ma kellhux sabiex jipprova jtawwal kemm jista z-zmien tal-hlas.

14. Mid-dokumentazzjoni esebita mis-socjeta rikorrenti pero diga jirrizulta, skond it-Tribunal, li l-ammont mitlub huwa differenti minn dak li jirrizulta mid-dokumentazzjoni esebita. L-ammont mitlub fit-talba huwa ta' €1,311.57c filwaqt li l-ammont li jirrizulta mill-*invoices* esebiti mis-socjeta rikorrenti huwa ta' €1,291.65c. Issa dan l-ahhar ammont ukoll ma huwiex rejali, l-ghaliex kif korrettement qal l-intimat, kien hemm xi prodotti li s-socjeta rikorrenti ma kellha l-ebda dritt izzommlu ghalihom l-ghaliex l-intimat kien irritorna l-istess prodotti. It-Tribunal hawn qieghed jirreferi ghal dok. DF 3 (fol. 36).

15. B'referenza ghad-dokument immarkat bhala dok. DF 3 (fol. 36), jinghad li l-intimat kien zamm biss sitt (6) *units* minn sitt (6) kaxxi *milk cake covering* u sitt (6) *units* ohra minn sitt (6) kaxxi *plain cake covering*. Kull kaxxa kien fiha tnax (12)-il *unit*. B'hekk, l-intimat gie li zamm kaxxa wahda

u mhux tnax (12)-il kaxxa. Mill-*invoice* numru 109133 (dok. DF 3 a fol. 36) jirrizulta li s-socjeta rikorrenti zammet lill-intimat is-somma komplessiva ta' Lm53.40 (pari ghal €124.39) mentri fir-rejalta, hija kellha zzommlu s-somma ta' Lm4.68 (pari ghal €10.90). B'hekk minn dan id-dokument jirrizulta li s-socjeta rikorrenti zammet €113.49c iktar milli suppost.

16. L-intimat ghandu ragun ukoll li jghid li s-socjeta rikorrenti zammitlu ta' *invoice* li huwa kien hallas. Din kienet l-*invoice* immarkata bhala dok. DF 12 (fol. 45) ghall-ammont ta' Lm19.44 (pari ghal €45.28c). Dan l-ammont pero diga tnaqqas mit-Tribunal fil-komputazzjonijiet li huwa ghamel aktar il-fuq.

17. Ghalhekk, jekk mill-ammont ta' €1,291.65c jitnaqqas l-ammont ta' €113.49c (hlas zejjed kif fuq inghad) jigi l-ammont ta' €1,178.16c. It-Tribunal huwa tal-fehma li huwa dan l-ammont li huwa dovut mill-intimat. L-intimat ma ressaq l-ebda prova ohra konvincenti biex it-Tribunal jasal ghal xi ammont iehor ghajr ghal dak li ghadu kif issemma.

18. L-intimat, fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jghid li kien hemm ricevuti li ma kienux iffirmati minnu jew minn ibnu John Borg. Dan huwa minnu, pero fuq bazi ta' probabilita, dawn l-oggetti, ghalkemm ma hemmx firma ta' minn irceviehom inghataw lill-istess intimat mis-socjeta rikorrenti. Mhux l-ewwel darba li meta *delivery man* jigi bix-xoghol u jkun hemm in-nies fil-hanut, huwa jhalli l-prodotti fil-hanut u jitlaq l-ghaliex sid il-hanut ma jkunx mar. F'kull kaz, it-Tribunal jinnota li n-nuqqas ta' firma kienet fi tlett (3) okkazzjonijiet biss u xejn iktar.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-intimat fejn din hija b'xi mod inkompatibbli ma dak li inghad hawn fuq, qieghed jilqa in parte t-talba tas-socjeta rikorrenti u jikkundanna lill-istess intimat ihallasha s-somma ta' elf mija tmienja u sebghin euro u sittax-il centezmu ta' euro (€1,178.16c) bl-imghaxijiet jiddekorru mid-data ta' din is-sentenza.

L-ispejjez jithallsu fl-intier taghhom mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------